**51. MOZZJONI DWAR SELF TA' FLUS PERMEZZ TA' ĦRUĠ TA' *BILLS* TAT-TEŻOR**

Il-Ministru għall-Finanzi ppropona: -

Billi huwa provdut, fl-artikolu 13 "Limiti fuq is-self u l-finanzjament bil-quddiem" u speċifikament bis-subartikolu (4) tal-artikolu 13 tal-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku, il-Ministru responsabbli għall-Finanzi jista' kull meta jkun awtorizzat għal hekk b'Rizoluzzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti, jikseb flus ta' ammont mhux aktar minn dak speċifikat f'dik ir-Riżoluzzjoni permezz tal-ħruġ ta' *Bills* tat-Teżor skont l-isemmi Att;

U billi fil-25 ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn kien ġie riżolt li l-Ministru għall-Finanzi jagħmel ħruġ ta' *Bills* tat-Teżor għal ammont ta' mhux iżjed minn Lm 300,000,000 (tliet mitt miljun liri Maltin) ekwivalenti għal €698,812,019.57c (sitt mija u tmienja u disgħin miljun, tmien mija u tnax-il elf u dsatax il-Ewro u sebgħa u ħamisn ċentezmu tal-Ewro) skont id-dispożizzjoni tal-Att tal- 1952 dwar il-*Bills* tat-Teżor ta' Malta u liema Att qed jiġi sostitwit bid-dħul fis-seħħ tal-providimenti tas- subartikolu 39 (1) (a) ta' dan l-Att;

Issa, għalhekk, jiġi riżolt li l-Ministru għall-Finanzi jiġi awtorizzat jagħmel ħruġ ta' *Bills* tat-Teżor għal ammont ta' mhux aktar minn €700,000,000.00c (sebgħa mitt miljun Ewro) skont id-dispożiozzjonijiet tal- Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku .

20.07.17